Ir-Repubblika ta' Malta

Qorti Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Att tal-Akkuza Nru: 9/2014

Ir-Repubblika ta' Malta

Vs

Joseph Lebrun

Illum 31 ta' Jannar 2018,

Il-Qorti,

Rat l-att tal-akkuza li ggib in-numru 9 tas-sena 2014, migjuba fil-konfront ta' Joseph Lebrun detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 368258M fejn fl-Ewwel Kap l-Avukat Generali ppremetta:

Illi fis-sena Elfejn u Ħamsa (2005), il-Pulizija ta' l-Iskwadra kontra d-Droga daħlitilhom informazzjoni li l-akkużat **Joseph Lebrun** flimkien ma' żewġ persuni oħra, u cioe' Jason Said u Angelus Vella, kienu nvoluti f'operazzjoni lleċita biex tiġi mportata f'Malta kwantita' ta' droga għall-iskop ta' traffikar. Skond din l-informazzjoni, id-droga kienet ser tiddaħħal Malta bil-baħar fl-inħawi taċ-Ċirkewwa.

Illi l-akkużat **Joseph Lebrun**, fis-Sitta (6) ta' Ġunju tas-Sena Elfejn u Ħamsa (2005) u fil-ġranet u ġimgħat ta' qabel din id-data ddeċieda illi jinvolvi ruħu fin-negozju llegali pero' ferm lukrattiv tad-droga. Huwa fil-fatt tkellem ma'

żewġ persuni oħra, u cioe' Jason Said u Angelus Vella, u dawn it-tlieta (3) minn nies **qablu u ftehemu bejniethom id-dettalji kollha ta' kif kellhom joperaw biex jakkwistaw, jimpurtaw, u jittraffikaw id-droga Herojina ġewwa Malta.**

Illi l-ftehim u l-pjan maħsub minn qabel kien li Jason Said juża' l-kuntatti li kellu fl-esteru, senjatament fit-Tuniżija, ma' fornituri tad-droga, sabiex mingħandhom tinxtara' l-kunsinna ta' droga herojina. Din il-kunsinna mbagħad titgħabba mit-Tuniżija fuq il-*power-boat 'Kayce'*, proprjeta' ta' l-akkużat **Joseph Lebrun**. Kif il-*power-boat 'Kayce'* ta' **Joseph Lebrun** toqrob lejn l-ibħra Maltin, Angelus Vella joħroġ bil-lanċa tiegħu *'Marcellin'*, u l-kunsinna ta' droga tiġi trasferita minn fuq il-*power-boat 'Kayce'* ta' l-akkużat **Joseph Lebrun** għal fuq il-lanċa *'Marcellin'* ta' Angelus Vella. L-akkużat **Joseph Lebrun** imbagħad kellu jmur jirmiġġja l-*power-boat* tiegħu qisu qatt ma kien xejn, filwaqt li Angelus Vella jidħol il-Marfa bil-lanċa tiegħu, jittrakka mal-moll, fejn hemmhekk isib lil Jason Said jistennieh fil-vettura tiegħu u d-droga tiġi trasferita minn fuq il-lanċa għal ġol-vettura. Id-droga mbagħad eventwalment tinbiegħ fis-suq Malti bi profitt kbir għall-akkużat **Joseph Lebrun** u sħabu Said u Vella, u a skapitu ta' żgħażagħ u persuni oħra Maltin mifnija bil-vizzju tad-droga. Pjan tabilħaqq mirqum u meqjus f'kull dettall, u, kif jgħid il-Malti, maħdum 'bizzilla' bejn l-akkużat **Joseph Lebrun**, Jason Said, u Angelus Vella.

Illi, pero', grazzi għas-sorveljanza u l-intervent f'waqtu da parti tal-Pulizija, dan iċ-ċirku ta' mportazzjoni u traffikar ta' droga miftiehem u mmexxi minn **Joseph Lebrun**, Jason Said, u Angelus Vella, tkisser. Fil-fatt, nhar is-Sitta (6) ta' Ġunju tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), Angelus Vella ġie nnutat javviċina l-moll tal-Marfa fuq il-lanċa tiegħu *'Marcellin'* fejn malli wasal ġie nnutat jgħaddi basket tat-tip '*haversack*' lil Jason Said li kien wasal fuq il-moll bil-vettura ta' l-għamla *Toyota* bin-numru ta' reġistrazzjoni FAE-968, kif kien miftiehem bejn l-akkużat **Joseph Lebrun**, Angelus Vella, u l-istess Jason Said. Wara li ħa l-*haversack* mingħand Angelus Vella, Jason Said ġie nnutat jieqaf ħdejn vettura oħra tal-għamla *Mitsubishi Pajero* bin-numru ta' reġistrazzjoni CAD-728, daħal

fiha, filwaqt li x-xufier ta' din il-*Pajero* rikeb fit-*Toyota* li biha kien ġie fuq il-post Jason Said.

Illi l-Pulizija nterċettaw dawn il-vetturi fejn f'dik tal-għamla *Toyota* li kienet misjuqa minn ċertu Silvio Buttigieg instab il-*'haversack'* li kien ghadda ftit qabel minn idejn l-akkużat **Joseph Lebrun** għal idejn Angelus Vella, għal idejn Jason Said, għal idejn dan Silvio Buttigieg rispettivament;

Illi intant, wara li sar l-iskambju tal-*'haversack'* kif intqal aktar 'l fuq, l-akkużat **Joseph Lebrun** ġie nterċettat fl-inħawi ta' Baħar iċ-Ċagħaq minn *helicopter* tal-Forzi Armati ta' Malta qiegħed isuq il-*power-boat* tiegħu *'Kayce'* minn naħa ta' fuq ta' Malta direzzjoni lejn in-naħa ta' isfel. Fuq din il-*powerboat* instabu xi flus kontanti, dokumenti, u apparat ta' komunikazzjoni;

Illi intant, ġol-*'haversack'* elevata minn ġol-vettura *Toyota* kien hemm diversi pakketti kbar li kienu ssusspettati li kellhom id-droga ġo fihom. Fil-fatt, minn analiżi u eżamijiet li saru minn esperti forensiċi maħtura mill-Maġistrat Inkwerenti, ġie stabbilit illi din is-sustanza kienet effettivament droga Herojina, fl-ammont ta' aktar minn seba' kilogrammi (7kg), preċiżament sebat elef u tlieta u għoxrin punt tlieta grammi (7,023.3g), b'purita' ta' seba' u erbgħin punt tnejn fil-mija (47.2%), u li dak iż-żmien il-valur tagħha fis-suq kien ta' madwar erba' mija u tmienja u għoxrin elf sitt mija tmienja u sittin Ewro (€428,668);

Illi d-droga Herojina titqies bħala mediċina perikoluża speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' l-24 ta' Lulju 2002, *per* Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Jacqueline Padovani Grima LL.D., l-akkużat **Joseph Lebrun** kien instab ħati ta' diversi delitti, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

Illi b'għemilu, l-akkużat **Joseph Lebrun** sar ħati talli assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex jimporta, jbiegħ

jew jittraffika mediċina f'Malta (Herojina) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jakkuża lill-imsemmi **Joseph Lebrun,** reċidiv f'delitt, ħati talli fis-Sitta (6) ta' Ġunju tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005) u fil-ġimgħat preċedenti, **assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex jimporta, jbiegħ jew jitraffika mediċina f'Malta (herojina) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni**.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Joseph Lebrun,** u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf erba' mija tmienja u sittin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67), u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikolużi (Avviż Legali 292/1939), u fl-artikoli 17, 23, 23B, 23Ċ, 49, 50, u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għal-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi fit-Tieni Kap, l-Avukat Generali jippremetta:

Illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi li seħħew fis-Sitta (6) ta' Ġunju tas-Sena Elfejn u Ħamsa (2005) u fil-ġranet u ġimgħat ta' qabel din id-data, irriżulta li l-akkużat **Joseph Lebrun**, flimkien ma' persuni oħra, u cioe' Jason Said u Angelus Vella,

effettivament **importa jew għamel xi ħaġa biex tiġi mportata d-droga Herojina ġewwa Malta**.

Illi kif intqal fl-Ewwel Kap ta' dan l-Att ta' Akkuża, abbażi tal-ftehim li l-akkużat **Joseph Lebrun** kellu ma' Said u Vella, l-istess **Joseph Lebrun** tela' t-Tuniżija permezz tal-*power-boat* tiegħu '*Kayce*', minn fejn għabba fuq l-istess opra tal-baħar tiegħu *'haversack'* kontenenti d-droga Herojina, u rħiela lura lejn Malta. Kif miftiehem, malli l-akkużat **Joseph Lebrun** qorob lejn Malta, Angelus Vella ħareġ jiltaqa' miegħu bil-lanċa *'Marcellin'*, u l-kunsinna ta' droga ġiet trasferita minn fuq il-*power-boat* '*Kayce*' ta' l-akkużat **Joseph Lebrun** għal fuq il-lanċa *'Marcellin'* ta' Angelus Vella. Sussegwentement Angelus Vella trakka bil-lanċa tiegħu mal-moll tal-Marfa fejn għadda l-'*haversack*' bid-droga lil Jason Said, li, minn naħa tiegħu, kif intqal fl-Ewwel Kap ta' dan l-Att ta' Akkuża, għadda l-istess lil Silvio Buttigieg.

Illi meta l-vettura li kien qiegħed isuq Silvio Buttigieg ġiet interċettata, instab il-'*haversack*' li kien ghadda ftit qabel minn idejn l-akkużat **Joseph Lebrun** għal idejn Angelus Vella, għal idejn Jason Said, għal idejn dan Silvio Buttigieg rispettivament, ġo liema *'haversack'* kien hemm diversi pakketti kbar li kienu ssusspettati li kellhom id-droga ġo fihom. Fil-fatt, minn analiżi u eżamijiet li saru minn esperti forensiċi maħtura mill-Maġistrat Inkwerenti, ġie stabbilit illi din is-sustanza kienet effettivament droga Herojina, fl-ammont ta' aktar minn seba' kilogrammi (7kg), preċiżament sebat elef u tlieta u għoxrin punt tlieta grammi (7,023.3g), b'purita' ta' seba' u erbgħin punt tnejn fil-mija (47.2%), u li dak iż-żmien il-valur tagħha fis-suq kien ta' madwar erba' mija u tmienja u għoxrin elf sitt mija tmienja u sittin Ewro (€428,668).

Illi din l-importazzjoni ta' droga Herojina f'Malta saret b'mod xjenti u pjanat bir-reqqa minn qabel mill-akkużat **Joseph Lebrun** u sħabu, u, li ma kienx għall-intervent f'waqtu da parti tal-Pulizija, din id-droga kienet eventwalment tinbiegħ fis-suq Malti bi profitt kbir għall-akkużat **Joseph Lebrun** u sħabu Said u Vella, u a skapitu ta' żgħażagħ u persuni oħra Maltin mifnija bil-vizzju tad-droga.

Illi d-droga Herojina titqies bħala mediċina perikoluża speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-akkużat **Joseph Lebrun** ma kellu ebda liċenzja jew awtoriżżazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi , Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' l-24 ta' Lulju 2002, *per* Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Jacqueline Padovani Grima LL.D., l-akkużat **Joseph Lebrun** kien instab ħati ta' diversi delitti, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

Illi b'għemilu, l-akkużat **Joseph Lebrun** sar ħati talli mporta, ġiegħel li tiġi mportata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi mportata mediċina perikoluża (Herojina) f'Malta, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta ma kellux liċenżja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanża li tawtorizza l-importazzjoni ta' dik il-mediċina perikoluża.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jakkuża lill-imsemmi **Joseph Lebrun**, reċidiv f'delitt, ħati talli fis-Sitta (6) ta' Ġunju tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005) u fil-ġimgħat preċedenti**, importa, ġiegħel li tiġi mportata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi mportata mediċina perikoluża (Herojina) f'Malta, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta ma kellux liċenżja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanża li tawtorizza l-importazzjoni ta' dik il-mediċina perikoluża.**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Joseph Lebrun,** u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf erba' mija tmienja u sittin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67), u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-

reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikolużi (Avviż Legali 292/1939), u fl-artikoli 17, 23, 23B, 23Ċ, 49, 50, u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għal-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi fit-Tielet Kap, l-Avukat Generali ppremetta:

Illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi li seħħew fis-Sitta (6) ta' Ġunju tas-Sena Elfejn u Ħamsa (2005) u fil-ġranet u ġimgħat ta' qabel din id-data, irriżulta li l-akkużat **Joseph Lebrun**, flimkien ma' persuni oħra, u cioe' Jason Said u Angelus Vella, effettivament importa jew għamel xi ħaġa biex tiġi mportata d-droga Herojina ġewwa Malta **u dan bl-iskop li din id-droga, *una volta* f'Malta, tiġi fornuta / traffikata lil terzi għal skopijiet ta' lukru.**

Illi skond kif spjegat b'mod dettaljat fl-ewwel żewġ Kapi ta' dan l-Att ta' Akkuża, fis-Sitta (6) ta' Ġunju tas-Sena Elfejn u Ħamsa (2005), l-akkużat **Joseph Lebrun,** flimkien ma' Jason Said u Angelus Vella, daħħlu ġewwa Malta *'haversack'* kontenenti aktar minn seba' kilogrammi (7kg), preċiżament sebat elef u tlieta u għoxrin punt tlieta grammi (7,023.3g) ta' droga Herojina, b'purita' ta' seba' u erbgħin punt tnejn fil-mija (47.2%). Kif ser jirriżulta ampjament mill-provi, din id-droga kienet intenzjonata għal persuni oħra, peress li l-imsemmija *'haversack'* kienet ser tgħaddi f'idejn terzi, dejjem bi ftehim bejn l-akkużat **Joseph Lebrun** u sħabu Jason Said u Angelus Vella, *tramite* l-imsemmi Silvio Buttigieg, u dana sabiex din is-sustanza illegali tiġi traffikata għal skopijiet ta' lukru. Li ma kienx għall-intervent f'waqtu da parti tal-Pulizija, din id-droga kienet eventwalment tinbiegħ fis-suq Malti bi profitt kbir għall-akkużat **Joseph Lebrun** u sħabu Said u Vella, u a skapitu ta' żgħażagħ u persuni oħra Maltin mifnija bil-vizzju tad-droga.

Illi d-droga Herojina titqies bħala mediċina perikoluża speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-akkużat **Joseph Lebrun** ma kellu ebda liċenzja jew awtorizżazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi , Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex iforni, jimporta, jesporta, jimmanifattura, jew jipprokura d-droga perikoluża msemmija.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' l-24 ta' Lulju 2002, *per* Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Jacqueline Padovani Grima LL.D., l-akkużat **Joseph Lebrun** kien instab ħati ta' diversi delitti, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

Illi b'għemilu, l-akkużat **Joseph Lebrun** sar ħati talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga Herojina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma kellu liċenza mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Droga Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija, u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizżazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101tal-Liġijiet ta' Malta, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifattura d-droga msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jakkuża lill-imsemmi **Joseph Lebrun**, reċidiv f'delitt, ħati talli fis-Sitta (6) ta' Ġunju tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005) u fil-ġimgħat preċedenti**, forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga Herojina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma kellu liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma' kien awtorizżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-**

**Droga Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija, u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew awtoriżżazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura d-droga msemmija, u mingħajr ma' kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga.**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Joseph Lebrun,** u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf erba' mija tmienja u sittin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67), u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regola 4(a) tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikolużi (Avviż Legali 292/1939), u fl-artikoli 17, 23, 23B, 23Ċ, 49, 50, u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għal-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Illi fir-Raba' u l-ahhar Kap, l-Avukat Generali ppremetta:

Illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi li seħħew fis-Sitta (6) ta' Ġunju tas-Sena Elfejn u Ħamsa (2005) u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data, irriżulta li l-akkużat **Joseph Lebrun**, flimkien ma' persuni oħra, u cioe' Jason Said u Angelus Vella, effettivament importa jew għamel xi ħaġa biex tiġi mportata d-droga Herojina ġewwa Malta. Skond kif spjegat b'mod dettaljat fl-ewwel tliet (3) Kapi ta' dan l-Att ta' Akkuża, l-akkużat **Joseph Lebrun,** in segwitu għal ftehim ma' Jason Said u Angelus Vella, tela' t-Tuniżija permezz tal-*power-boat* tiegħu '*Kayce'*,

minn fejn għabba fuq l-istess opra tal-baħar tiegħu *'haversack'* kontenenti madwar seba' kilogrammi (7kg), preċiżament sebat elef u tlieta u għoxrin punt tlieta grammi (7,023.3g) ta' droga Herojina, b'purita' ta' seba' u erbgħin punt tnejn fil-mija (47.2%), u rħiela lura lejn Malta. Id-droga mbagħad biddlet l-idejn skond kif spjegat dettaljatament fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża, sakemm ġiet interċettata mill-Pulizija fil-vettura li kienet qed tiġi misjuqa minn Silvio Buttigieg.

Illi d-droga Herojina titqies bħala mediċina perikoluża speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi kwindi l-akkużat **Joseph Lebrun** kien fil-pussess xjenti ta' sustanza perikoluża skond il-liġi, u, **tenut kont taċ-ċirkostanzi li fihom kienet id-droga fil-pussess ta' Joseph Lebrun, taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, u tal-kwantita' u l-purita' ta' l-istess droga (aktar minn seba' kilogrammi, b'purita' ta' 47.2%), din id-droga ċertament li ma kenitx għall-użu esklussiv ta' l-akkużat Joseph Lebrun**.

Illi l-akkużat **Joseph Lebrun** ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni jew liċenżja maħruġa skond il-Liġi li tippermettilu li jkollu fil-pussess tiegħu din is-sustanza perikoluża.

Illi b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' l-24 ta' Lulju 2002, *per* Maġistrat (illum Imħallef) Dr. Jacqueline Padovani Grima LL.D., l-akkużat **Joseph Lebrun** kien instab ħati ta' diversi delitti, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

Illi b'għemilu, l-akkużat **Joseph Lebrun** sar ħati talli kellu fil-pussess tieħu id-droga Herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi

mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga, u ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jakkuża lill-imsemmi **Joseph Lebrun**, reċidiv f'delitt, ħati talli fis-Sitta (6) ta' Ġunju tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005) **kellu fil-pussess tieħu id-droga Herojina** meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga, u ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u **b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu.**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Joseph Lebrun,** u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax –il elf erba' mija tmienja u sittin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67), u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), u 26 ta' l-Ordinanza dwar

il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikolużi (Avviż Legali 292/1939), u fl-artikoli 17, 23, 23B, 23Ċ, 49, 50, u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għal-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Joseph Lebrun pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti fl-1 ta' Awwissu, 2014 fejn espona:

1. Illi in linea preliminari in-nullita' ta' l-att ta' l-akkuza stante li d-disposizzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta mhix in vires mad-disposizzjoni tal-artikolu 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif gia gie affermat mill-Qrati Nostrali;
2. Illi sussidjarjament l-att ta' l-akkuza huwa wkoll null stante illi f'diversi bnadi tal-parti narrattiva tad-diversi kapi, jigu attribwiti lill-akkuzat fatti illi ma jirrizultawx mill-atti processwali izda huma biss frott ta' kongetturi. In partikolari l-esponent jaghmel referenza '*din il-kunsinna imbaghad titghabba mit-Tunezija fuq il-power boat KAYSE, propjeta' ta' l-akkuzat Joseph Lebrun. Kif il-power boat KAYSE ta' Joseph Lebrun toqrob lejn l-ibhra Maltin, Angelus Vella johrog bil-lanca tieghu MARCELLINE u l-kunsinna ta' droga tigi trasferita minn fuq il-power boat KAYSE ta' Joseph Lebrun ghal fuq il-lanca MARCELLINE ta' Angelus Vella.*' Illi l-akkuzat jaghmilha cara li dawn il-fatti kollha huma purament kongetturi u ebda wahda minnhom ma tirrizulta mill-atti processwali. Illi l-esponent fit-trattazzjoni verbali ser jaghmel referenza ghal-diversi partijiet ohra simili fid-diversi kapi ta' l-att ta' l-akkuza illi ukoll irendu l-istess att ta' akkuza wiehed null stante illi ma huma msejsa jew ibbazati fuq ebda fatti li jirrizultaw mill-atti processwali.
3. Huwa jitlob l-isfilz taz-zewg statements rilaxxjati mill-imputat mmarkati bhala Dok NC4, Dok NC5 u NC6 tnejn minnhom datati 5 ta' Gunju, 2005 u l-ohra 7 ta' Gunju, 2005 peress li l-akkuzat ma nghatax il-fakulta' li jikkomunika ma' avukat qabel ma rrilaxxja dawn l-istqarrijiet. L-esponenti

huwa konxju tas-sentenza preliminari li nghatat minn din il-Qorti nhar it-28 ta' Marzu, 2014 fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella et fejn ghamlet referenza ghall-artikoli 658 sa 661 tal-Kodici Kriminali u stqarret li ghandhom in vigore minkejja s-sentenza li nghatat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Salduz versus Turkey (Novembru 2008). F'dik is-Sentenza appena citata din il-Qorti diversament preseduta ghamlet ukoll referenza ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fi-ismijiet 'Charles Steven Muscat versus Avukat Generali' fejn il-Qorti Kriminali stqarret fis-sentenza Rep ta Malta vs Angelus Vella et op cit li 1-Qorti Kostituzjonali ma sabet xejn hazin li stqarrija maghmula mill-akkuzat minghajr l-ghajnuna tal-avukat tibqa' fil-proess basta l-gurija tinghata direzzjonijiet xierqa u fejn ukoll kienet ikkonkludiet fuq din l-istess eccezjoni li fuq kollox, il-Qorti eaminat l-istqarrijiet maghmula mill-akkuzati u ma jirrizultax li hemm xi ammissjoni ta' htija u ghalhekk cahdet l-eccezzjom tal-allura Angelus Said et. Jinghad li 1-kaz ta Charles Steven Muscat ghadu pendent quddiem il-Qorti Ewropea.

L-esponenti jaghmlu referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Victor Aguilina) v. Mark Lombardi deciza 12 ta April 2011 fejn l-appellant f'dik il-kawza kien ghamel talba sabiex jigi dikjarat li d-dritt tieghu kien gie lez meta ma nghatax il-fakulta li jkellem avukat qabel ma rrilaxxja l-istqarrija. Hawnhekk jaghmel referenza ghal dak li kkonkludiet din l-istess Qorti:- "Il-Qorti tikkonkludi li ghalhekk fil-kaz odjern kien hemm lezjoni tad-dritt tal-appeullant ghal smigh xieraq kif sancit fl-Artikolu 6(3)(c) konguntivament mau-Artikouu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea meta huwa ma nghatax u-assistenza legali. Din il-Qorti hi tal-fehina li d-dritt tal-persuna arrestata tigi assistita minn avukat ghandu jinghata fil-bidunett ta' l-investigazzjoni u qabel ma dik il-persuna tirriuaxxja Stqarrija izda mhux li tkun assistita waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija.

4. Ix-xhieda li ta l-allura Spettur Norbert Ciappara llum Assistent Kummissarju moghtija nhar il-25 ta' Settembru, 2005, ix-xhieda li ta l-Ispettur Dennis Theuma nhar il-25 ta' Settembru, 2005, fil-bicca kbira hear say u ghalhekk ghandha tigi sfilzata wkoll;

Hawnhekk ukoll l-esponenti jiddikjara li huwa konxju mis-sentenza moghtija appena gia citata fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella et** dwar l-eccezzjoni ta' *hear say evidence* u jiddikjara li ma jaqbel xejn maghha specjalment f'dik il-parti tas-sentenza fejn dik il-Qorti kkonkludiet li: *"l-ewwelnett m'hemm xejn irregolari li wiehed jixhed bil-gurament dwar dak li qallu haddiehor. Min jixhed b'dan il-mod qed jikkonferma li jkun sar certu diskors lilu. Imbghad min jiggudika jrid jara jekk dak li ntqal mix-xhud kienx korroborat jew le mix-xhieda l-ohra li ttella l-prosekuzzjoni"*

L-esponenti jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs George Spiteri li giet deciza nhar il-5 ta' Lulju, 2002 fejn dik il-Qorti rriteniet is-segwenti dwar il-kuncett ta' *hearsay* u ma qablet xejn ma dak li gie deciz mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella. Inghad li "*Illi ma hemm ebda kontestazzjoni li bhala punt ta' dritt in linea generali li provi konsistenti f'hearsay evidence mhumiex prova legalment valida...* Tohrog ferm cara d-direttiva tal-Imhallef sedenti anke waqt il-kors tas-smeigh ta' din ix-xhieda u mhux biss waqt l-indirizz tieghu biex il-gurati jiskartaw kompletament din it-tip ta' evidenza".

5. L-imputat jitlob ukoll l-isfilz tad-dokumenti esebiti mill-Ispettur Dennis Theuma u mmarkati bhala Dok DT1 u dok DT2, stante li dawn id-dokumenti ma gewx redatti minnu izda gew moghtija lilu minn terza persuna u b'hekk l-akkuzati ma setghu jaghmlu l-ebda kontroll fuqhom u dan ix-xhud ma setax jikkonferma la l-veracita' taghhom u lanqas il-kontenut taghhom stante li ma kienx ix-xhud li ghamel dan l-ezercizzju hemm imsemmi.
6. L-esponent jitlob l-isfilz ta' dawk il-partijiet mix-xhieda tas-Supretendent Neil Harrison moghtija fit-23 ta' Settembru 2005 li ma jikkostitwixxux depozizzjoni dwar fatti izda opinjonijiet jekk rnhux kongetturi U suppozizzjonijiet u dan kollu mirm xhud li jista' jixhed biss dwar fatti u peress ii mhux espert ma jistax jaghti opinjonijiet.
7. L-akkuzat jitlob wkoll l-isfilz tac-CD allegatament kontenenti recordings ta' diversi telefonati mmarkati GS1 kif ukoll kwalsiasi transkrizzjoni

allegatament ta' l-istess *tappings* ta' telefonati kif ukoll kwalsiasi referenza ghal tali CD u /jew traskrizzjonijiet u dana stante illi:

(a) ghad-diversi ragunijiet li jirrizultaw mir-relazzjoni tal-espert Martin Bajada u skond ix-xhieda ta' l-istess Martin Bajada u partikolarment dik tat-18 ta' Novembru 2005 fejn inter alia jikkonkludi illi il-*'compact discette', li hija difettuza, m'hix first generation copy fejn il-folders kienu created, fil-31 ta' Awwissu, 2005 fil-14:46 waqt li r-recordings f'dawn il-folders igibu d-data tad-29 ta' Gunju, 2005 bejn l-10:28 u 12:00'.*

Id-difiza titlob l-isfilz tad-dokument GS1 kif gja verbalizzat fis-seduta tas-16 ta' Gunju 2006 u dan peress li gja gie stabbilit b'digriet tal-Qorti datat 23 ta Novembru 2005 li d-dokument GS1 m'huwiex dokument originali izda hu kopja ta' registrazzjoni mehuda qabel u in oltre hu aktar serju li l-istess registrazzjoni fuq diska giet irrangata b'mod li sar editing taghha u voice enhancements fuq certu punti. Dan id-dokument ghandu jigi sfilzat ukoll a bazi tal-fatt li mhux l-ahjar prova u skond l-artikolu 638 tal-Kodici Kriminali il-prosekuzzjoni ghandha dejjem tressaq l-ahjar prova haga li naqset li taghmel f'dan il-kaz u dan kappriccozament. Dan hu dokument edited u ghalhekk ma jirrispekkjax il-verita'.

Issir refenenza ghal-dak li ntqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminal fi-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Bonello deciza nhar l-24 ta April 1986 (Per Imhallef Lino Agius) li il-prosekuzzjoni m'ghandhiex biss l-oneru tal-prova izda anke l-obbligu li ggib l-ahjar prova". Issir refenenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet il-pulizija vs Victoria Vella deciza nhar it-12 ta Marzu 1999 saret referenza ghal-dak li gie trattat fil-kawza Kajal vs Noble (1982) (Cr App) li fiha l-gudikant sedenti Ackner LJ ppnonuncja s-segwenti:- "*The old rule that a party must produce the best evidence that that the nature of the case will allow and that any less good evidence is to be excluded has gone by the board long ago. The only remaining instance of it is that if an original document is available in one's hands one must produce it, that one*

*cannot give secondary evidence by producing a copy. Nowadays we do not confine ourselves to the best evidence. We admit all relevant evidence. The goodness or badness of it goes only to the weight and not to the admissibility."* Issa fil-kaz odjern il-prosekuzzjoni kellha l-original u cioe l-ahjar prova u ma pproducitux izda pproduciet kopja imbaghbsa tieghu biss u ghalhekk m'hemmx dubbju li l-esponenti ma ihossx is-serenita dwar il-veracita' tal-kopja prodotta u ghalhekk tali document ghandu jigi sfilzat. Illi ma jistax l-esponent ma jikkummentax illi ghal xi raguni dan id-dokument ma giex inkluz fil-lista tax-xhieda.

(b) In oltre kif jirrizulta anke mill-istess xhieda ta' Martin Bajada "mill-analizi komparattiva li ssir fuq talba tad-dfiza bejn il-vuci tal-persuna indikata bl-inizjali / ittra (S) A FOL 142 SA 144 U l-persuna a fol 261 u 296, dan l-analizi komparattiv kien fin-negattiv fejn il-persuna (S) mhix l-ebda wahda mill-persuni indikati fit-traskrizzjoni a fol 261 sa 296".

(c) In oltre mill-istess relazzjoni fil-punt enumerat 3.9 jirrizulta li "*fil-konfrontt ta' D session, tezisti konfuzjoni, li tista' tindika tmenin session meta fil-fatt hemm elenkati tmienja u sittin ... in oltre ma hemm traskrizzjoni ta' erbgha' u tletin session."*

(d) Illi inoltre l-esponent jitlob l-isfilz tad-dokument imsemmija tenut kont ukoll tax-xhieda ta' Dr. Martin Bajada tal-25 ta' Settembru 2013 fejn ghamilha cara li bhala espert mahtur mill-qorti ma setax jaghmel process ta' identifikazzjoni ta ilhna jekk ma jkollux sample ta' ilhna li maghhom ikun jista' jqabbel u ghaldaqstant huwa car illi tezisti impossibilita' illi l-ilhna fuq ic-CD's relattivi jigu abbinati mal-vuci tal-imputat u ghaldaqstant l-imsemmij CD bhala prova ma taghmel l-ebda stat kontra l-esponenti u ghandha tigi sfilzata. Illi l-bran segwenti mis-seduta tal-25 ta' Settembru tas-sena 2013 juri dan bl-aktar mod car:

*Qorti: Ghamilt nota. Id-diffikulta tieghek kienet jekk jiena fihmtek sew li biex inti tipprocedi fuq dak li kien qed jiftiehem li kien l-inkarigu tieghek, li inti tiehu jew titlob lill-imputat jitkellem. Jien fhimtek sew meta ghidtli hekk?*

*Xhud: Korrett. Irid jaghtini kopja ta' numru ta' kliem li jien irrid inqabbel maghhom.*

*Qorti: jien dik m'inhiex qed nawtorizzha. Jigifieri inti ghandek tasal fit-task tieghek sa fejn ghandek tasal.*

(e) Illi kif jirrizulta mix-xhieda kemm ta' Godfrey Scicluna kif ukoll tas-Supretendent Neil Harrison it-tnejn moghtija fit- 23 ta' Settembru 2005 jirrizulta illi l-imsemmija traskrizzjonijiet ma gewx maghmula mill-membri tas-Servizz tas-Sigurta' ai termini tal-Kap 391 tal-ligijiet ta' Malta izda minn persuni estranei ghall-istess Servizz ta' Sigurta'. In sostenn ta' dan l-esponent jaghmel referenza ghax-xhieda tas-supretendent Neil Harrison, *"kont ghainilt it-transcripts kif diga ghedt u smajthom kemm-il darba u ccekkjajthom u sussegwentement ukoll ghaddejt it-transcripts ukoll u it-telefonati li kienu ghaddewnla lid-Direttur tas-Servizz Sigriet."*

(f) Illi inoltre ma jezisti ebda ness fattwali, stante illi ma saret ebda tip ta' identifikazzjoni tal-vuci u allura ebda konnessjoni fattwali bejn dawk ir-recordings u l-akkuzat peress illi minn imkien ma jirrizulta illi f'xi wahda mit-telefonati hemm lehen l-akkuzat.

(g) Illi inoltre ma giet elevata l-ebda sim card mill-pussess tal-imputat li taqbel man-numri indikati fl-istess CD u transcripts relattivi.

(h) Oltre ragunijiet ohra li l-akkuzat qed jitlob l-isfilz tas-CD u it-transcripts u kull referenza gahlihom fil-process ghal dawn ir-ragunijiet kollha u ohrajn li jistghu jirrizultaw fis-sottomissjonijiet orali.

8. Illi b'referenza ghad-dokument ossia CD esebit quddiem din l-Onorabbli Qorti mid-Deputat Registratur tal-Qorti Kriminali Christopher Camilleri l-esponent jitlob l-isfilz tal-istess dokument, kemm ghar-ragumjiet gia suesposti fil-punt sebgha ta din in-nota tal-ecezzjonijiet fil-konfront tad-dokument GS1 fejn applikabbli kif ukoll ghar-ragunijiet ulterjuri stante illi ma tirrizulta ebda kontinwita ta' evidenza, ma jirizultax illi dan gie esebit fil-process originali minn xi membru tas-servizz tas-sigurta u lanqas jirrizulta mill-atti ta din il-kawza min kien ghadda dan ic-CD lill-Assistent Kummissarju Neil Harrison.

Illi inoltre 1-esponent jinnota illi din ic-CD giet esebita f'dawn l-atti madwar tmien snin wara mid-data tal-fatti allegati fl-att tal-akkuza.

9. Illi ai termini ta' dak li gie deciz fil-kawza Kostituzzjonali fl-ismijiet l-Avukat Generali vs. Il-Kap tas-Servizz tas-Sigurta et deciza mill-Prim Awla sede Kostituzzjonali nhar id-9 ta' Dicembru 2011 JRM, l-esponent jirrileva illi fil-proceduri odjerni jezisti nuqqas serju peress illi 1-warrants relattivi ghall-intercettazzjonijiet ta' komunikazzjoniet maghmula mill-esponenti qatt ma gew esebiti u ghaldaqstant ma ngabitx il-prova illi gew debitament awtorizzati mill-ligi u ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment l-isfilz tal-istess CD esebita minn Godfrey Scicluna u mmarkata bhala GS1 kif ukoll tac-CD esebita mid-Deputat Registratur tal-Qorti Kriminali Christopher Camilleri.
10. Jinghad illi d-digriet tal-Magistrat tal-Ghassa l-allura Magistrat Abigail Lofaro tas-6 ta' Gunju 2005 ma kienx jipprovdi x' kellu jaghmel l-espert Brigadier Maurice Calleja fejn hemm imnizzel biss li gie nominat bhala espert ballistiku pero' x'kien 1-inkarigu tieghu ma jirrizultax mill-atti (vide d-digriet tan-nomina). Huwa biss dan l-espert li ddecieda x'kien l-inkarigu tieghu meta fil-preliminari tar-rapport tieghu prezentat fit-tieni volum kiteb li kien gie nominat sabiex jezamina u jirrelata dwar incident ta' sparer b' armi tan-nar mill-Pulizija fis-6 ta' Gunju 2005 ghal habta tas-1.3Opm waqt li dawn kienu qed isegwu vettura li kienet qed iggorr ammont sostanzjali ta' droga. Ghalhekk l-ezercizzju li ghamel dan l-espert u cioe' li sema' x-xhieda sar minghajr ma kien gie awtorizzat li jaghmel hekk u ghalhekk tali relazzjoni ghandha tigi sfilzata. (Vide Pul vs Ludwig Micallef deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-1 ta' Marzu, 2012); Hawnhekk ukoll issir referenza ghal verbal datat 26 ta Marzu 2014 fejn id-difiza kienet gja irriservat li posizjoni taghha dwar l-esibizzjoni o meno ta din ir-relazzjoni;

Rat l-atti kollha, inkuz dawk tal-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttroja.

Semghet it-trattazzjonijiet, kemm tad-difiza kif ukoll tal-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi l-akkuzat iressaq numru ta' eccezzjonijiet diretti lejn l-att ta'l-akkuza redatta mill-Avukat Generali li ser jigu trattati serjatim minn din il-Qorti.

1. **<u>L-eccezzjoni marbuta mad-diskrezzjoni ezercitata mill-Avukat Generali meta ghazel li jibghat lill-akkuzat sabiex jigi iggudikat minn din il-Qorti u mhux mill-qrati inferjuri.</u>**

Illi l-akkuzat qieghed jilmenta illi bil-fatt illi l-Avukat Generali ezercita d-diskrezzjoni tieghu li jibghat il-kaz tieghu biex jigi deciz quddiem il-Qorti Kriminali u mhux dak inferjuri sabiex b'hekk issa qieghed jaffaccja piena aktar harxa, hija leziva tad-drittijiet fondamentali tieghu kif sanciti fl-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Dan ifisser allura li l-proceduri kollha li huma pendenti huma nulli minhabba l-fatt illi l-artikolu 22 tal-Kapitolu 101 kif kien vigenti qabel ma dahhlu l-emendi permezz ta'l-Att XXIV tal-2014 huwa vjolattiv tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq u kwindi kull procedura li saret in vjolazzjoni ta' dan id-dritt igib il-kosegwenzjali nullita.

Issa ibda biex l-appellanti diga intenta proceduri gudizzjarji sabiex jigi dikjarat li sehhet dina il-lezjoni, li b'decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tas-16 ta' Settembru 2014 instab li ma sehhet l-ebda lezjoni fil-konfront ta'l-akkuzat la ta'l-artikolu 6 u 7 tal-Konvenzjoni u lanqas ta'l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ghar-ragunijiet migjuba fl-istess decizjoni fosthom billi l-proceduri kontra l-akkuzat kienu ghadhom pendenti u kwindi l-ebda lezjoni ma kienet ghadha sehhet.

Illi fi kwalunkwe kaz anke jekk *gratia argomenti* l-akkuzat jibqa' tal-fehma illi din il-lezjoni qed isehh fil-konfront tieghu dan ma igibx il-konsegwenzjali nullita tal-proceduri kif donnu qed jippretendi ghaliex kif qalet l-Qorti Ewropeja fuq ir-rimedju li ghandu jinghata meta jkun hemm tali vjolazzjoni fid-decizjoni Camilleri vs Malta, li qanqlet dan il-ksur :

*"the present case does not concern the imposition of a heavier sentence than that which was applicable at the time of the commission of the criminal offence or the denial of the benefit of a provision prescribing a more lenient penalty which came into force after the commission of the offence …."*

Fejn imbaghad il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz Joseph Camilleri vs Avukat Generali (11/2013), fl-1 ta' Lulju 2013 tat provvediment li bih tat direzzjoni li s-soluzzjoni m'hijiex il-waqfien jew thassir tal-process kriminali;

*"Ir-rimedju f'kaz ta' sejbien ta' ksur mhux it-twaqqif jew it-thassir tal-process kriminali, cioe', ta' dak li jkun sar bl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-Avukat Generali, u kwindi l-guri f'dan il-kaz m'ghandux jitwaqqaf. Il-Qorti Ewropeja ghamlitha cara li dak li sabet kien biss nuqqas ta' forseeability prevvist mill-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja, liema nuqqas certament ma jfissirx li l-process kriminali ghandu jieqaf u ma ghandux iservi sabiex igib bhala konsegwenza l-paralizi tas-sistema gudizzjarja."*

Illi il-Qorti tista' tieqaf hawn fuq din l-eccezzjoni, izda izzid tghid illi bid-dhul fis-sehh ta'l-artikolu il-gdid 22(2A) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta l-legislatur mhux biss iddelinja il-kriterji li ghandu jimxi fuqhom l-Avukat Generali meta jigi biex jezercita id-diskrezzjoni tieghu, izda ukoll ta dritt ta' revizjoni lill-persuna akkuzata quddiem din il-Qorti jekk jidhirlu illi din id-diskrezzjoni giet ezercitata b'mod zbaljat. Illi huwa minnu illi meta inharrget l-att ta'l-akkuza kontra l-akkuzat l-Att XXIV tal-2014 kien ghadu ma sarx parti mill-ligi taghna, madanakollu bis-sahha tad-disposizzjoni transitorja u cioe' tat-tieni proviso ghall-artikolu 22(2A)(b), :

***"persuni li, fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan is-subartikolu, ikunu qed jistennew kawża fil-Qorti Kriminali wara ordni mogħtija skont is-subartikolu (2) jista', minkejja id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-paragrafu, jippreżenta rikors quddiem l-imsemmija qorti skont dan il-paragrafu fi żmien xahar mill-imsemmija data."***

Dan ifisser illi l-akkuzat kellu xahar zmien mid-dhul fis-sehh tal-ligi il-gdida sabiex jikkontesta d-diskrezzjoni ezercitata mill-Avukat Generali sabiex huwa jigi iggudikat

minn din il-Qorti minflok quddiem il-Qorti tal-Magistrati, haga li huwa baqa' ma ghamilx u kwindi issa ma jistax wara l-inattivita' tieghu iqanqal in-nullita ta' dawn il-proceduri ghaliex ghadu jishaq, kuntrarjament ghal dak li gie deciz fil-pronunzjament kostituzzjonai maghmul fil-konfront tieghu, illi d-drittijiet fondamentali tieghu qed jigu lezi. Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi din l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

2. **<u>In-nullita ta'l-att ta'l-akkuza li fil-parti narattiva tad-diversi kapi taghha, jigu attribwiti lill-akkuzat fatti li ma jirrizultawx mill-provi ikkumpilati, izda huma biss kongetturi ta'l-Avukat Generali.</u>**

Illi huwa principju rassodat illi l-fatti kif esposti mill-Avukat Generali fil-parti narrattiva ta'l-att tal-akkuza ma jistghu qatt jitqiesu bhala xi fatt ippruvat billi l-apprezzament tal-provi huwa imhollija unikament f'idejn il-gurija. Kwindi meta l-Avukat Generali jaghmel l-esposizzjoni tieghu tal-fatti tal-kaz fl-att ta'l-akkuza huwa jislet l-isfond tal-kaz kif jifhimhom li graw hu u dan mill-provi li jinsabu fl-atti tal-kumpilazzjoni. Illi l-gurija kemm il-darba tigi imwissija illi dak dikjarat f'din il-parti ta'l-att ta'l-akkuza ma tista' qatt tittiehed bhala prova billi huwa biss fuq x-xhieda u provi ohra dokumentali illi l-Avukat Generali iressaq f'isem ir-Repubblika ta' Malta illi l-gurati jistghu iserrhu il-verdett taghhom.

**"Illi skont l-artikolu 588 tal-Kodici Kriminali "l-att tal-akkuza ghandu jigi maghmul bil-miktub u ghandu jigi iffirmat mill-Avukat Generali" u skont l-artikolu 589 tal-istess Kodici "L-att tal-akkuza jsir fl-isem tar-Repubblika ta' Malta". Ghalhekk, meta fl-artikolu 589 tal-istess Kodici jinghad li l-att tal-akkuza ghandu jfisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat u l-partikolaritajiet l-ohra msemmija fl-istess artikolu dan ma jistax ifisser hlief li l-att tal-akkuza ghandu jfisser il-fatt u partikolaritajiet l-ohra msemmija skont kif jifhimhom li graw l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta. Il-provi in sostenn tal-fatt li**

**jikkostitwixxi r-reat u tal-partikolaritajiet l-ohra skont l-att tal-akkuza, imbaghad, jingiebu mill-Avukat Generali fil-kors tal-process fl-istadju opportun. [1]"**

Dan ghaliex:

**"l-Avukat Generali jista' jibbaza l-att ta' l-akkuza fuq provi li ma ngibux fil-kumpilazzjoni. Dan ma jgibx ghan-nullita' ta' l-att ta' l-att ta' l-akkuza (jew kap ta' l-att ta' l-akkuza) stante ukoll dak li jipprovdi l-artikolu 435 tal-Kodici Kriminali. Fl-istadju ta' l-eccezzjonijiet preliminari l-Qorti Kriminali ma taghmilx apprezzament tal-provi kollha migjuba fil-kors tal-kumpilazzjoni biex tara jekk prova partikolari tirrizultax sodisfacentement jew le; din hija haga merament ta' prova messa ultimament f'idejn min irid jiddeciedi dwar il-provi.[2]"**

Ghal dawn il-motivi ghalhekk dina l-eccezzjoni ukoll qed tigi michuda.

3. **<u>L-isfilz tal-istqarrijiet rilaxxjati mill-akkuzat immarkati bhala Dokumenti NC4, NC5 u NC6.</u>**

Illi minn ezami ta' dawn it-tlett stqarrijiet li l-akkuzat qieghed jaghmel referenza ghalihom f'din it-tielet eccezzjoni minnu intentata, jirrizulta illi l-ewwel zewg stqarrijiet gew minnu rilaxxjati lill-Ufficjal Investigattiv fil-5 ta' Gunju 2005, filwaqt li l-ahhar wahda ittiehedet fis-07 ta' Gunju 2005, jumejn wara. L-akkuzat jilmenta illi dawn it-tlett stqarrijiet ghandhom jigu svilzati mil-atti billi huma lezivi tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq. Illi l-gurisprudenza tal-qrati taghna hadet bixra kemmxejn differenti ghal prounzjamenti gudizzjarji li jaghmel referenza ghalihom l-akkuzat fin-nota ta'l-eccezzjonijiet tieghu u dan insegwitu ghal pronunzjament recenti moghti milli-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem[3] fejn giet kristallizzata l-posizzjoni dwar id-dritt penali maltija fejn persuna suspettata ma kenitx giet moghtija assistenza legali ghaliex il-ligi dak iz-zmien kienet tipprekludi

[1] App. Krim Sup – 09/01/2014 Ir-Repubblika ta' Malta vs Stiano Agius u Eleonor Tracy Agius
[2] App.Krim Sup – 13/05/1998 Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Steven Muscat
[3]Mario Borg vs Malta 37537/13 12/01/2016

tali dritt. Hemmhekk insibu mistqarr car u tond illi kwalunkwe dikjarazzjoni li l-persuna suspettata setghet hekk ghamlet hija lesiva tad-dritt taghha ghal smigh xieraq, dan ghaliex il-konfessjoni minnu maghmula titqies bhala prova f'awla tal-Qorti.

Illi din il-Qorti, kif ippresjeduta, kellha diga okkazzjoni tesprimi ruhha fuq dan il-punt ta' dritt fejn allura fid-dawl tal-linja gwida moghtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kienet tal-fehma illi tali stqarrijiet rilaxxjati mill-persuna akkuzata minghajr ma din kellha l-okkazzjoni li tikseb l-assistenza minn ghand l-avukat tal-fiducja taghha ma kellhiex valur probatorju billi jkun ferm perikoluz ghal Qorti li tistrieh fuqha sabiex issib xi htija fil-persuna akkuzata li tkun inkriminat ruhha minghajr ma kellha difiza adegwata u allura ikun hemm ir-riskju ta' lezjoni tad-dritt taghha ghal smiegh xieraq[4].

Illi din kienet ukoll il-fehma tal-Qorti ta'l-Appell Kriminali (sede Superjuri):

*"While the statement in question of the accused has not been shown to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement as laid down in article 658 of the Criminal Code, nevertheless, for the reasons stated above, the denial of the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons* ***<u>must today</u>*** *be held to be in violation of the conditions for the admissibility of an accused's statement[5]."*

Illum il-legislatur irregola din il-kwistjoni darba ghal dejjem, ukoll sabiex jigi in linja mal-ligi komunitarja fir-rigward, u dan meta bl-Att LI tal-2016 sehhet it-traspozizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta'Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għal avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li terza persuna tkun infurmata dwar it-tiċħid ta' libertà u li persuna tikkomunika ma' terzi persuni

[4] Ara Il-Pulizija vs joseph Camilleri – 25/02/2016;
[5] The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor deciza 1/12/2016

u mal-awtoritajiet konsulari waqt li tkun imċaħħda mil-libertà, ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fis-6 ta' Novembru 2013 (L 294/1).

Illi ghalhekk l-ligi kif illum emendata tirrifletti din is-salvagwardja u ukoll hija in linja mad-dritt ewropew kif inghad. Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax tinjora mhux biss principju ormai stabbilit mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem illi id-dritt ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikolu 6(1) u l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghandu japplika mhux biss tul l-*iter* tal-proceduri penali fil-qorti, izda ukoll ghal hekk imsejjah *pre-trial stage* u cioe' ghall-istadju meta persuna tkun giet arrestata u ser tigi interrogata, izda trid tara illi timxi in konformita tal-ligi mhux biss ewropeja izda ukoll lokali li illum tirregola din il-materja.

Illi l-linji gwida imfassla mill-Qorti Kostituzzjonali ghal gudikant li ikollu f'idejh id-decizjoni dwar jekk ghandux jiehu kont ta' stqarrija tal-interrogat bhala prova in atti sabiex jasal ghal gudizzju tieghu, fejn gie deciz illi fuq kollox ghandu jittiehed kont tal-fattispecje ta' kull kaz, fost ohrajn il-vulnerabbilita tal-persuna li tkun qed tigi interrogata (fosthom l-eta, il-precedenti penali) l-jedd li l-persuna interrogata kellha biex tibqa' siekta u ma twegibx ghal dawk il-mistoqsijiet li jistghu jinkriminawh, l-inattivita da parti ta'l-akkuzat milli jipprova jattakka l-validita ta'l-istqarrija tieghu mill-bidunett tal-proceduri, l-provi l-ohra li hemm fl-atti, fost ohrajn, illum gew mibdula mill-istess Qorti fejn fis-sentenza **Daniel Alexander Holmes vs Avukat Generali et** deciza fit-03 ta' Mejju 2016 inghad hekk:

**Fic-cirkostanzi din il-Qorti hi tal-fehma li ma jkunx għaqli li tinsisti fuq l-interpretazzjoni tagħha, għalkemm ittenni li għadha tal-fehma illi hija interpretazzjoni sostenibbli u ta' buon sens.**

U ghalhekk wasslet ghad-decizjoni illi fid-dawl tal-gurisprudenza recenti koncernanti s-sitwazzjoni legali f'Malta qabel l-emendi li dahhlu fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010:

**"…. il-Qorti ssib li kien hemm ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni abbinat mal-Artikolu 6(3)(c) tal-istess Konvenzjoni fis-sens li ma nghatatx l-assistenza legali qabel jew waqt l-interrogazzjoni tal-appellant mill-pulizija."**

Illi allura hija fis-setgha ta' din il-Qorti u dan qabel ma jigi determinat il-process gudizzjarju fil-konfront tal-persuna akkuzata illi twarrab dik l-evidenza illi tmur kontra il-garanziji moghtija kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni ghal harsien tal-jedd tieghu ghal smiegh xieraq. Fil-fatt dan il-jedd gie indikat fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz Dimech vs Malta[6] fejn f'dak il-kaz ghalkemm il-Qorti ma setatx tasal biex tistabbilixxi jekk kienx sehh lezjoni ta'l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi l-proceduri penali kienu ghadhom ma intemmux, madanakollu sahhqet:

**"…. it cannot be entirely excluded that the courts of criminal jurisdiction, before which the case is heard, <u>hear the case in the same circumstances that would have existed had the right to legal-assistance during pre-trial stage not been disregarded, namely by expunging from the records the relevant statements</u>. The Court notes that, if, because of the limitations of the applicable criminal procedural law, it is not possible given the stage reached in the pending proceedings, to expunge from the records the relevant statements (whether at the request of the applicant or by the courts of criminal jurisdiction of their own motion), it cannot be excluded that the legislature take action to ensure that a procedure is made available at the earliest opportunity for this purpose."**

Esposti kwindi dawn il-linji gwida gurisprudenzjali u id-dritt illum vigenti fir-rigward li issa jinsab konformi mad-dritt komunitarju kif inghad, din il-Qorti qed tilqa l-eccezzjoni sollevata mill-akkuzat u allura tiddikjara l-istqarrijiet rilaxxjati minnu lill-pulizija bhala nieqsa minn kwalunkwe valur probatorju u ma ghalhekk ma ghanhomx jingiebu a konjizzjoni tal-gurati u ukoll ma ghandux isir referenza ghalihom mill-ebda xhud u dan meta l-kaz tal-akkuzat jibda' jinstema minn din il-Qorti bil-gurija, u dan ghalkemm l-akkuzat f'dan il-kaz ghazel li ma iwiegeb ghall-ebda domanda lilu maghmula fil-kors ta'l-interrogazzjoni tieghu.

[6] 02/07/2015 – 34373/13

4. **L-isfilz tax-xhieda ta'l-allura Spettur Norbert Ciappara moghtija fil-25 ta' Settembru 2005 u ix-xhieda ta'l-Ispettur Dennis Theuma ukoll ta'l-istess data billi ix-xhieda taghhom tikkostitwixxi hearsay evidence.**

Illi jinghad minnufih illi l-eċċezzjoni ta' inammissibilita` ta' xhieda tippresupponi xi disposizzjoni tal-liġi li teskludi dik il-prova milli tinġieb 'il quddiem fil-proċess.

Issa, l-artikoli relevanti dwar il-*Hearsay Rule* huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9:

**"598. (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.**

**"(2) Il-qorti tista', *ex officio*, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.**

**"(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet.**

**"599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, taż-żwieġ, tal-mewt, tal-assenza, ta' servitu', ta' rjieħ ta' immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta' reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd."**

Fis-sentenza taghha ta' l-24 ta' Ottubru 2011 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Azzopardi**, il-Qorti Kriminali ċaħdet l-eċċezzjonijiet ta' inammissibilita` wara li kkunsidrat:

**"Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-*hearsay rule* f'kawżi ta' natura kriminali huwa *Subramaniam v. Public Prosecutor* fejn insibu dan il-kliem:**

***"'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'***

**"Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-*hearsay rule* fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U fil-fatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il-każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali.**

**"Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun *hearsay*, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi eskluża fl-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.**

**"F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu l-prattika dwar il-*hearsay rule*. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus**

**Meinrad Calleja**[7]**). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:**

**"'... Hu ben stabbilit li waqt li prova *hearsay* ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 ta' April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mis-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri)."**

Fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Lulju 2012 fl-istess ismijiet **Ir-Republika ta' Malta v. Mario Azzopardi** mbagħad din il-Qorti kienet ikkummentat hekk:

**" ... Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi *hearsay evidence* iżda jekk dak rapportat hux *hearsay evidence* jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun *hearsay evidence* u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx *hearsay evidence* u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra. Huma għal dawn ir-raġunijiet, kif tajjeb spjegat l-ewwel Qorti, li <u>din it-tip ta' xiehda ma tistax tiġi eskluża *a priori* iżda d-deċiżjoni dwar l-opportunita` o meno li titħalla tingħata dik ix-xiehda u titqiegħed quddiem il-ġurija trid neċessarjament tiġi rimessa lill-Imħallef togat li jippresjedi l-ġuri li jkun tenut jagħti d-deċiżjoni</u>**

---

[7] Appell Kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja**, 26 ta' Mejju 2005: "Kwantu ghax-xiehda ta' Clarissa Cachia l-ewwel Qorti kienet ċara meta spjegat li l-kontenut ta' dak li qalet lill-Pulizija, fl-assenza tax-xiehda diretta tagħha, ma kienx jagħmel prova la kontra u lanqas favur l-akkużat. Mill-banda l-oħra spjegat korrettement li ċ-ċirkostanza li qalet ċertu diskors setgħet tittieħed bhala ċirkostanza li tikkorrobora dak li seta' qal ħaddieħor."

**<u>tiegħu skont iċ-cirkostanzi li fihom jiżvolġi l-ġuri u skont l-esiġenzi evidenzjarji u proċedurali tal-proċess.</u> …..** (sottolinjar tal-Qorti)

**Iżda huwa proprju għalhekk li l-proċess tal-ġuri huwa presedut mill-Imħallef togat sabiex dan jassigura li tali abbuż ma jsirx. L-abbuż hu possibbli għar-rigward ta' kull regola legali tal-evidenza iżda dan ma jfissirx li minħabba tali possibilita` ta' abbuż dik ir-regola għandha tiġi skartata. Ir-rimedju hu dak li pprovdiet il-liġi u ċioe` li l-Imħallef li jkun jippresjedi l-ġuri ma jħallix l-abbuż jiġri suġġett dejjem għas-salvagward aħħari tad-dritt tal-appell tal-akkużat fl-eventwalita` li l-Imħallef jonqos milli jeżerċita sew is-setgħat tiegħu skont il-liġi."**

Huwa bil-wisq evidenti minn dan it-taghlim gurisprudenzjali illi sta ghall-Imħallef togat waqt il-ġuri biex jara illi ma jsirx abbuż fit-termini tas-sentenza precitata billi jikkontrolla x-xhieda u jispjega lill-ġurati r-regoli tal-*hearsay* kif indikat f'dik is-sentenza.

Issa il-posizzjoni tal-Ufficjal Prosekutur u Investigattiv meta huwa jaghti ix-xhieda tieghu sabiex jispjega il-kors li ha l-istharrig minnu kondott ai fini li jasal ghal malvivent, hija xi ftit jew wisq differenti minn dak tax-xhud ordinarju billi fix-xhieda tieghu huwa irid necessarjament jaghti stampa ta' dak li wasslu sabiex jigu istitwiti l-proceduri penali fil-konfront tal-persuna akkuzata fejn allura jista' jindika illi huwa kiseb informazzjoni minn diversi sorsi, fosthom ufficjali tal-pulizija u persuni ohra involuti fl-investigazzjonijiet, nies pajzana li ighaddu xi informazzjoni u sahansitra anke xi sors kunfidenzjali li ma jistax jigi obbligat jizvela. Tali xhieda hija ammissibbli kemm il-darba issir bis-salvagwardji kollha li taghti l-ligi fejn allura l-Imhallef togat ghandu jaghti id-direzzjonijiet opportuni lill-gurati in konnessjoni mar-regola tal-*hearsay evidence* u liema piz ghandha tinghata lil din ix-xhieda fejn allura il-persuna li tkun tat l-informazzjoni ma tingiebx fil-qorti sabiex tixhed u allura l-persuna akkuzata ma ikollhiex kontroll fuq dak mistqarr minnha.

Maghdud dan allura din il-Qorti ma tistax taqbel ma'l-eccezzjoni sollevata mill-akkuzat illi *a priori* x-xhieda tal-Ufficjali Investigattivi, kemm Ciappara kif ukoll Theuma hija wahda inammissibbli. Illi fuq kollox ghalkemm l-akkuzat jilmenta illi x-xhieda taz-zewg ufficjali investigattivi tikkostitwixxi *hearsay evidence* fil-mggior parti taghha, madanakollu ma jindikax liema parti tax-xhieda huwa qieghed isib oggezzjoni ghaliha u din il-Qorti ma tistax certament f'dan l-istadju tezamina l-atti bil-ghan illi taghmel apprezzament ta' dak li jinghad billi dan il-kompitu ghadu jithalla f'idejn il-gurija popolari dejjem bis-salvagwardja illi kif inghad jinaghtaw direzzjoni mill-Imhallef togat dwar l-ammissibbilita o meno ta' xi partijiet mix-xhieda kif inghad fejn dawn jikkostitwixxu 'l hekk imsejjah '*detto del detto*'. Ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni qed tigi michuda izda fil-parametri kif hawn fuq spjegat.

5. **<u>L-izfilz tad-Dokumenti DT1 u DT2 esebieti mill-Ispettur Dennis Theuma, stante illi d-dokumenti gew mghoddija lix-xhud minn terza persuna u mhux redatti minnu biex b'hekk l-akkuzat ma jista' ikollu l-ebda kontroll fuq il-veracita u l-awtenticita ta'l-istess.</u>**

Illi qabel ma tinoltra ruhha fil-kontenut tad-dokumenti li ghalihom jaghmel referenza l-akkuzat f'dina l-eccezzjoni minnu imqanqla, jinghad illi l-ligi tippostula distinzjoni bejn il-valur probatorju ta' evidenza u inammissibilita' taghha biex b'hekk prova tista' tkun ammissibbi izda madanakollu minghajr ebda valur probatorju billi per ezempju ma tkunx awtentikata.

Jinkombi fuq il-Qorti Kriminali biex imbaghad fl-istadju opportun tispjega lill-gurati l-piz li ghandha tinghata lix-xhieda u ir-rilevanza ta'l-istess u dan skond ir-regoli stabbiliti fid-dritt penali ghar-rigward tal-apprezzament tal-provi. Illi allura il-Qorti trid timxi b'cirkospezzjoni kbira sabiex tqies jekk il-prova li l-akkuzat qed ifittex li ixejjen tmurx kontra l-ispirtu tal-ligi li tirregola l-valur probatorju u l-ammissibbilita.

Din id-distinzjoni giet spjegata mill-Qorti Kriminali kolleggjalment komposta fis-sentenza taghha tal- 4 ta' Jannar, 1929 in re SUA MAESTA` IL RE - VS - AVV. DR.C.MIFSUD BONNICI E CALCEDONIO BUSUTTIL fejn kien inghad: "'*Occorre, per ragion di principio, distinguere, in riguardo ad un mezzo di prova offerta dall'accusa o dalla difesa, nel contrasto sull'ammissibilita` o meno dello stesso, se la quistione si riferisca alle condizioni giuridiche del mezzo di prova in se stesso, ovvero invece alle condizioni di ragione del mezzo di prova per poter questo essere considerato importante rispetto a qualunque degli elementi del fatto giuridico in controversia. Nel primo caso la quistione e` veramente una di ammissibilita` del mezzo di prova....nel secondo caso la quistione `' propriamente quella di rilevanza della prova.....*[8]'

Issa d-Dokumenti DT1 u DT2 jikkostitwixxu vera kopja ta' dokumenti li gew elevati mid-dghajsa Kaycee Valletta allegatament proprjeta ta'l-akkuzat u dan *a tempo vergine* meta saret it-tfittxija fuq id-dghajsa wara l-arrest tieghu. Illi l-Ufficjal Prosekutur Theuma fil-fatt kien ezebixxa kopja awtentikata biss ta' dawn id-dokumenti billi huwa kien tal-fehma illi ma kellux ghalfejn jeleva l-original ta'l-istess fl-istadju inizjali ta'l-investigazzjoni billi kien ghad irid jigi mistharreg jekk l-istess kenux rilevanti ghal kaz. Dawn il-kopji jishaq illi ghamilhom fil-presenza ta'l-akkuzat stess. Id-Dokumenti DT1 tikkonsisti f'bicca karta min  pitazz li fuhqa kien hemm imnizzel erba numru ta' telefown cellulari lokali. Din il-karta giet misjuba f'basket li kien hemm fil-*cabin cruiser* ta'l-akkuzat. Id-Dokument DT2 huwa ricevuta ta' kont mahrug minn Port El Kantaoui gewwa it-Tunezija ghall-irmiggar tal-*cabin cruiser* ghal jiem bejn it-02 u il-05 ta' Gunju 2005, liema ricevuta giet mahruga fil-5 ta' Gunju 2005.

Illi allura ghalkemm dawn id-dokumenti, li huma vera kopja ta' dokument orginal kif awtentikata mix-xhud stess li ha hsieb jaghmel il-kopji tad-dokumenti, jista' ma ikollhom ebda valur probatorju jekk mhux ikkonfermati minn min ha hsieb jirredigiehom, madanakollu din il-Qorti ma tistax *a priori* tqies l-istess bhala prova

[8] Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ahmed El Gamoudi deciza 10/11/2011 – App. Sup

inammissibbli u dan qabel is-smigh tal-guri. Kwindi ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni ukoll qed tigi michuda.

6. **<u>Sfilz ta' partijiet mix-xhieda tax-xhud Supretendent Neil Harrison moghtija fit-23 ta' Settembru 2005 li jikkostitiwixxu opinjonijiet, kongetturi jew supposizzjonijiet.</u>**

Illi minn qari tax-xhieda tas-Supretendent Neil Harrison, jirrizulta illi huwa kien l-ufficjal tal-pulizija inkarigat minn din l-operazzjoni jew ahjar investigazzjoni, operazzjoni li fi kliem dan ix-xhud kienet qed titmexxa id f'id mas-Servizzi tas-Sigurta' li kienu qed jintercettaw xi telefonati marbuta ma' allegat kongura dwar importazzjoni ta' droga f'Malta. Ix-xhud jikkontendi illi kien sema' t-telefonati u anke kien hu personalment li hejja it-traskrizzjonijiet ta'l-istess. Is-Supretendent Harrison fix-xhieda tieghu jaghti spjegazzjoni dwar il-mod kif tmexxiet l-investigazzjoni kollha, mill- bidunett u indika ukoll dawk l-ufficjali tal-pulizija li lilhom kien iddelega parti mix-xoghol f'din l-operazzjoni. Dwar id-dettalji ta' kif bdiet tizvolgi dina l-operazzjoni ta' importazzjoni ta' droga huwa ighid li seta' jikseb l-informazzjoni mit-telefonati li gew interecettati li kienu qed jindikaw ukoll in-nies li setghu kienu involuti fl-istess.

Issa ibda biex l-akkuzat ghalkemm fl-eccezzjoni intentata minnu joggezzjona ghal xi partijiet mix-xhieda ts-Supretendent Neil Harrison, madanakollu ma jindikax liema parti jew partijiet huwa qed issib oggezzjoni ghaliha/ghalihom. Ix-xhud, kif inghad, jiddeskrivi il-kors li hadet l-investigazzjoni, il-mod kif giet migbura l-informazzjoni u minn min. Illi l-Qorti qrat id-deposizzjoni tax-xhud li minnha, kif inghad, jirrizulta illi kien hu li hejja it-traskrizzjonijiet tat-telefonati li gew intercettati mis-Servizzi tas-Sigurta'. Jidher illi abbazi ta' dawn it-telefonati l-pulizija bdew isegwu il-movimenti ta' xi nies li dehrilhom li setghu kienu involuti biex b'hekk fil-jum indikat fl-att ta'l-akkuza, il-pulizija wasslu sabiex jintercettaw importazzjoni ta' droga erojina mertu tal-kaz. Issa huwa minnu illi x-xhud fil-kors tax-xhieda tieghu jasal ghal konkluzjoni illi il-konversazzjoni telefonici kienu qed jitkellmu dwar droga ghalkemm din il-

kelma qatt ma tintuza minn nies li kienu qed jiskambjaw bejniethom dawn it-telefonati. Huwa minnu ukoll illi ix-xhud jikkonkludi illi l-vuci li kienet qed tinstema f'uhud mit-telefonati kienet ta' Lebrun, izda ma jindikax kif wasal ghal din il-konkluzjoni. Maghdud dan, madanakollu, anke hawnhekk il-Qorti ma tistax tirriavviza l-inammissibilita' ta' din ix-xhieda u dan ghaliex spetta lix-xhud li fil-kors tal-guri jiehu il-pedana tax-xhieda, jaghti ix-xhieda tieghu mill-gdid u jispjega kif gie redatt minnu t-traskrizzjoni tat-telefonati u kif wasal sabiex jindika l-persuni li kienu qed jaghmlu dawn it-telefonati. Issa jekk huwa ma jirnexxielux f'din il-prova sal grad tal-konvinciment morali, billi ma iressaqx prova konvincenti li tistabbilixxi in-ness bejn il-vuci tal-persuna li tkun qed taghmel it-telefonata u l-akkuzat, allura dik il-prova tkun nieqsa minn kull valur probatorja u ghandha tigi skartata. Hawnhekk ghal darb'ohra jispetta lill-Imhallef togat sabiex jaghti direzzjoni lill-gurati dwar x'piz ghandu jinghata lil dik il-prova maghmula mix-xhud u jekk ix-xhieda tieghu tikkostitiwxxi *hearsay* o meno. Kwindi din l-eccezzjoni qed tigi michuda, madanakollu ghandhom jitharsu ir-regoli bis-salvagwardji kollha moghtija mill-ligi dwar l-valur probatorju ta' evidenza li ma tilhaqx il-grad ta' prova mistennija fil-kamp penali.

7 U 8 **.L-isfilz tad-Dokument CD, kontenenti recordings ta' diversi telefonati u tat-traskrizzjonijiet ta'l-istess u id-Dokument GS1. U kwalsiasi referenza ghall-istess Dokument CD u/jew traskrizzjonijiet.**

Illi b'referenza ghal dawn iz-zewg eccezzjonijiet li essenjalment huma marbuta flimkien, l-akkuzat jilmenta ukoll illi dawn id-dokumenti u cioe' ir-*recordings* tat-telefonati u it-traskrizzjonijiet maghmula ta'l-istess mhumiex l-ahjar prova li setghet tressaq il-Prosekuzzjoni billi dawn ir-*recordings* huma *edited* u anke difettuzi u dan kif jirrizulta mir-rapport esebiet mill-espert Martin Bajjada. Issa hawnhekk il-Qorti terga' ghal darb'ohra ittenni, bhal kif ghamlet fl-eccezzjonijiet precedenti, illi ma tistax *a priori* teskludi l-ammissibbilita ta' dik il-prova u dan ghaliex fil-fehma tad-difiza din tmur kontra "*the best evidence rule*". Il-piz tal-prova tispetta lill-prosekuzzjoni f'kull process gudizzjarju, min jallega irid jipprova u minn iressaq dik

il-prova irid jara illi dik tkun l-ahjar prova li tista' tingieb ghal kaz partikolari. Issa jekk dik il-prova tirrizulta illi hija monka, li hija difettuza, li tqanqal hafna dubbji, li ma tistabbilixxi xejn b'certezza u hija vaga u tipponta f'iktar minn direzzjoni wahda, ser tipprezenta vantagg ghal dik il-parti li kontrieha tkun tressqet dik il-prova. Ma ifissirx illi tali prova ghandha *a priori* tigi imwarrba ghaliex hija prova fil-fehma tad-difiza"zoppa". Jekk il-Prosekuzzjoni bil-provi li qed tressaq ma tasalx biex tipprova il-kaz taghha sal grad minnha mehtieg fil-kamp penali, allura dan jista' biss ikun ta' beneficcju ghall-akkuzat u hadd iktar. Jekk il-Prosekuzzjoni ma jirnexxiliex tasal biex tistabbilixxi l-appartenenza ta'l-ilhna li jinstemghu fit-telefonati, zgur illi tali prova mhijiex ser tkun ta' detriment ghall-akkuzat, kif donnu qed jilmenta fl-eccezzjoni minnu imqanqla! Jerga jinghad illi jekk kif jallega l-akkuzat tezisti l-impossibilita' illi l-ilhna fuq ic-CD jigu abbinati mal-vuci ta'l-akkuzat, dan ma iwassalx necessarjament ghall-inammissibilita ta' tali prova u cioe' tat-telefonati, per se jew tat-traskrizzjonijiet maghmula mis-Supretendent Harrison, izda biss jekk tali ness ma jigix stabbilit fil-kors tal-guri, allura tali prova ma tilhaqx dak il-grad gholi li jispetta lill-Prosekuzzjoni tressaq biex tipprova il-kaz taghha. Kwindi ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni ukoll qed tigi michuda, b'dan illi jerga' jigi ribadit illi jispetta lill-Imhallef togat illi fl-indirizz finali tieghu jaghti id-direzzjoni opportuna legali lill-gurati dwar il-valur probatorju tal-evidenza prodotta. Kif jindika l-akkuzat stess fis-sentenza *Kajal vs Noble* (1982)(Cr.App) minnu iccitata meta jesponi dina l-eccezzjoni:

"***Nowadays we do not confine ourselves to the best evidence. We admit all relevant evidence. The goodness or badness of it goes only to the weight and not to the admissibility***"

Illi finalment dwar il-fatt illi d-Dokument GS1 jirrizulta illi huwa kopja tad-diska originali li fuqhom gew irregistrati it-telefonati, jidher illi dan sehh peress illi l-original ta'l-istess gie esebiet fil-process Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella et. Jidher illi dan il-*compact disc* imbaghad gie esebiet formalment mid-Deputat Registratur Christopher Camilleri bhala Dokument CC. Illi mix-xhieda tal-imsemmi Deputat Registratur jidher illi dan id-dokument kien gie esebiet fl-atti tal-kawza imsemmija fis-17 ta' Marzu 2008. Illi l-akkuzat jilmenta illi dan id-dokument ghandu

jigi sfilzat billi ma tezisti l-ebda kontinwita' fl-evidenza prodotta. Illi anke hawnhekk l-awtenticita o meno tad-dokumenti esebieti tattakka direttament il-valur probatorju taghhom u certament kif inghad jekk dan jirrizulta ippruvat ser jigi imminat il-piz li ghandha tinghata lil din il-prova izda mhux l-ammissibilita taghha. Di piu l-original jinsab esebiet formalment (billi dan jinstab esebiet materjalment f'proceduri kriminali konnessi ma' dan il-kaz u li gahdhom pendenti), u kwindi l-gurati ikunu jistghu jaghmlu il-verifiki opportuni mal-original li ghandu jingieb biex jinstemgha fil-qorti bil-miftuh.

Illi fir-rigward ta' din l-eccezzjoni imqanqla mid-difiza dwar il-prova li saret permezz tar-registrazzjoni ta' telefonati, ezebizzjoni ta' *compact discs* u traskrizzjoni ta'l-istess li kif inghad fil-fehma ta' din il-Qorti ma jistghux jitqiesu inammissibbli f'dan l-istadju, izda jista' biss jitqies il-valur probatorju taghhom fil-kors tal-guri, il-Qorti ta'l-Appell Kriminali (Sede Superjuri) qalet hekk meta giet biex tqies eccezzjoni simili imqanqla fil-kawza ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella u Jason Said:

***".. Kwantu għat-transcripts, stante li ġew esebiti r-recordings u ndubitament dawn se jissemmgħu lill-ġurati, il-korretezza o meno tat-transcripts ikun jista' jiġi evalwat minn min irid jiġġudika fuq il-fatti. Effettivament ma tridx tkun espert biex tittraskrivi dak li tkun qiegħed tisma'. Għal dak li huma r-recordings, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, min hu responsabbli ghas-Servizzi ta' Sigurta` hu ndikat fil-lista tax-xhieda tal-prosekuzzjoni, u dan ix-xhud ikun jista' jixhed dwar ir-recordings. Dwar l-identifikazzjoni tal-persuni li jinstemgħu fuq ir-recordings, din hi kwistjoni ta' fatt ukoll rimessa għad-deċiżjoni tal-ġurati."***

Dan ghaliex, kif jinghad fl-istess decizjoni:

***"…. huwa proprju għalhekk li l-proċess tal-ġuri huwa presedut mill-Imħallef togat sabiex dan jassigura li tali abbuż ma jsirx. L-abbuż hu possibbli għar-rigward ta' kull regola legali tal-evidenza iżda dan ma jfissirx li minħabba tali possibilita` ta' abbuż dik ir-regola għandha tiġi skartata. Ir-rimedju hu dak li pprovdiet il-liġi u ċioe` li l-Imħallef li jkun jippresjedi l-ġuri ma jħallix l-abbuż jiġri suġġett dejjem għas-salvagward aħħari tad-dritt tal-appell tal-akkużati fl-eventwalita` li l-Imħallef jonqos milli jeżerċita sew is-setgħat tiegħu skond il-liġi."***

9. **<u>Il-warrants relattivi marbuta mal-intercettazzjonijiet ta' komunikazzjonijiet maghmula fuq telefowns cellulari qatt ma gew esebieti u allura ma hemm l-ebda prova illi l-komunikazzjonijiet gew debitament awtorizzati mil-ligi u allura ghandhom jigi svilzati id-dokumenti CD u GS1.</u>**

Illi l-artikolu 18(1)(b) tal-Kapitolu 391 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi hekk:

***"Fi proċedimenti li jsiru quddiem xi qorti jew tribunal, ma għandha tinġieb ebda prova u ma għandha ssir ebda mistoqsija waqt kontro-eżami li (f'kull każ) ittendi li tissuġġerixxi jkun inħareġ jew li jkun ser jinħareġ mandat lil xi ħadd minn dawk il-persuni",*** bil-kelma persuni fit-termini ta'l-artikolu 18(2)(a) tirreferi fost ohrajn ghal kull membru tas-Servizz tas-Sigurta'

Dan dejjem bis-salvagward mahsub fil-proviso ghal dan l-artikolu tal-ligi:
***"Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha titqies li tipprekludi l-kxif, filwaqt li tingħata xiehda, ta' informazzjoni li tkun tista' tinkixef skont dan l-Att jew taħt kull disposizzjoni oħra tiegħu."***

Illi allura ma kien hemm xejn x'josta lill-akkuzat illi sahansitra mill-istadju tal-kumpilazzjoni jitlob li jigu esebieti tali mandati kemm il-darba huwa ried jivverifika il-legalita ta' tali intercettazzjonijiet, haga li huwa baqa' ma ghamilx. Issa f'dan l-istadju inoltrat ta'l-eccezzjonijiet qieghed jipprova ixejjen prova imressqa mill-prosekuzzjoni ghaliex jishaq illi tali mandati ma gewx esebieti meta jirrizulta mid-dicitura tal-ligi illi ma kien hemm l-ebda obbligu legali illi tali dokumenti jigu esebieti mis-Servizzi tas-Sigurta' diment illi l-Qorti ma tordnax illi l-imsemmija mandati ghandhom jigu esebieti f'liema eventwalita allura il-Kap ts-Servizzi tas-Sigurta' ikollu josserva dik l-ordni u ma jistax jistahba iktar dwar dak li jipprovdi l-artikolu 18 hawn fuq iccitat[9].

Ghal dawn il-motivi din l-eccezzjoni ukoll qed tigi michuda.

---

[9] Ara sentenza Avukat Generali vs il-Kap tas-Servizz tas-Sigurta et. Deciza 09/12/2011 PASede Kostituzzjonal

10. **<u>Eccezzjoni rigward in-nomina ta'l-espert Brigadier Maurice Calleja billi id-digriet maghmul mill-Magistrat Inkwirenti jindika biss illi huwa gie nominat bhala espert ballistiku, minghajr indikazzjoni dwar in-natura ta'l-inkarigu lilu moghti.</u>**

Illi mid-digriet tan-nomina tal-Brigadier Maurice Calljea jirrizulta illi huwa kien gie nominat bhala espert tal-ballistika. Din it-terminologija wahedha naturalment tfisser illi l-*expertise* ta' dan l-espert hija marbuta ma' armi tan-nar. Kellu jkun indubitat ghalhekk illi n-nomina tieghu kienet marbuta ma' incident fejn sehhet sparatura waqt li kienet fis-sehh l-operazzjoni intentata mill-pulizija marbuta ma' din l-allegata operazzjoni ta' importazzjoni ta' droga, kif jindika l-istess espert fil-ftuh tar-relazzjoni tieghu. Ma jidhirx ghalhekk illi fir-rapport tieghu l-espert b'xi mod mar lil hinn minn dak li gie nominat illi jaghmel. Fil-fatt is-subartikolu 5 ghall-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali jistipula illi "l-qorti, **<u>kull meta jkun hemm bżonn</u>**, tagħti lill-periti d-direzzjonijiet meħtieġa u ż-żmien li fih għandhom jagħmlu r-rapport tagħhom." Issa f'dan il-kaz certament ma kien hemm l-ebda bzonn illi l-Inkwirenti taghti dawk id-direzzjonijiet lill-espert sabiex ikun jista' jespleta l-inkarigu tieghu billi bhala espert tal-ballistika, kif jispecifika id-digriet innifsu huwa kellu ifittex u jindaga dwar dak kollu li kien marbut mal-*expertise* tieghu u cioe' ma' sparar ta' armi tan-nar. Issa dwar ix-xhieda mismugha bil-gurament mill-imsemmi espert meta dan ma kienx espressament nominat sabiex jisma' tali xhieda, jigi rilevat illi minn ezami li ghamlet il-Qorti ta' dan ir-rapport ma jirrizulta fl-ebda parti tieghu illi l-espert sema xi xhieda bil-gurament ghalkemm seta kiseb xi informazzjoni mill-membri tal-pulizija li kienu involuti f'din l-operazzjoni. Illi diment illi dawn in-nies jiehdu il-pedana tax-xhieda fil-kors tal-guri, allura din il-Qorti ma tarax illi dik il-parti tar-rapport fejn issir referenza ghall-informazzjoni li setghet inkisbet mill-espert, mill-pulizija involuti ghandha tigi skartata, gjaldarba id-difiza ikollha kontroll shih ta' dak li ikun stqarr tali xhud u dan meta imqabbla mal-konkluzjonijiet raggunti mill-espert fir-rapport tieghu.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet imressqa mill-akkuzat ghajr ghat-tielet eccezzjoni. Tghaddi ghalhekk biex tordna l-isfilz tad-dokumenti NC4 NC5, NC6 b'dan illi fil-kors tas-smigh tal-guri ma ghandha issir l-ebda referenza ghall-istqarrijiet rilaxxjati mill-akkuzat.

Tiddifferixxi l-kawza *"sine die"*, sakemm ikun maghruf l-ezitu ta' xi appell eventwali, u jekk ma jkunx hemm tali appell, sakemm il-kawza jmissha t-turn taghha biex tinstema' minn din il-Qorti bil-gurati.

Sadattant l-akkuzat jibqa' fl-istess stat li huwa llum ghar-rigward tal-liberta' provizorja.

(ft) Edwina Grima.

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur